# 48. Fuq il-Fliegu

Minn fuq il-pruwa
tal-lanċa miexja
inħares ċass
għal fuq il-baħar
tal-fliegu ċar bħal mera…
roqgħa kaħla, roqgħa vjola, roqgħa żerqa …
u nħoss lil qalbi
qiegħda titkellem miegħu …

Ma nafx x'inhuma jgħidu …
naf biss li qed jitkellmu
bla kliem bejniethom,
imsaħħram inn xulxin,
kif darba qalbi
u dik tat-tfajla tiegħi
kienu jitkellmu
bla kliem
xħin konna nħarsu
imsaħħram inn xulxin
f'għaxija kollha dija.

Kull hena ta' d'id-dinja
ħesrem jintemm!
il-lanċa waslet,
il-għaxqa ntemmet
ta' bejni u bejn il-baħar
sew kif intemmet għaxqet iż-żgħożija!

It-triq lejn dari naqbad …
xwejjaħ… waħdi!

25/9/71